MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-13 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 99/2005

**Avviz numru 99/05DM**

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**Vs**

**Ryan John Le Brun (I.D. Nru. 496880 (M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-bank attur talab il-kundanna tal- konvenut, ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, sitt mija u erbgha u tletin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm4,634.93), bilanc ghad-debitu fil-'Loan u Credit Card Loan Accounts' ta' Ryan John Le Brun mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. 'A1 u A2' u 'B') flimkien ma' l-imghax ulterjuri mis-26 ta' Jannar, 2005, sal-jum tal-pagament effettiv, liema 'Loan u Credit Card Loan

Accounts' gew moghtija lill-konvenut permezz ta' zewg skritturi privati datati 4 ta' April, 2002, u 6 ta' Awissu, 2003 (Dok. 'C' u 'D').

U dan wara li jigi dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati hawn fuq indikati u cioe' Dok. 'C' u 'D' partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenut Ryan John Le Brun (a) naqas milli jhallas l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skritturi privati, u (b) kien inadempjenti f'obbligi ohra minnu assunti fl-istess skritturi privati sopraindikati, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenut li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenut iddekada mill-beneficju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 24 ta' Awissu, 2004, (Dok. 'E') u tal-Mandat ta' Sekwestru li gie pprezentat kontestwalment kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat illi l-konvenut prezenti fis-seduta tal-lum ammetta t-talba attrici u pprezenta d-debita nota ta' ammissjoni relattiva;

Ghaldaqstant il-Qorti ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma, u filwaqt li l-Qorti qed tiddikjara illi l-konvenut iddekada mill-beneficcju tat-terminu, l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu ghar-ragunijiet imsemmija fl-Avviz, qieghda tikkundanna lill-konvenut sabiex ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz ihallas lill-bank attur is-somma mitluba ta' erba' telef, sitt mija, erbgha u tletin lira Maltin u tlieta u disghin centezmu, (Lm4,634.93) [1] bl-imghaxijiet legali b'effett mis-26 ta' Jannar, 2005.

---

[1] Korrezzjoni awtrorizzata b'digriet tal-31 ta' Mejju, 2005.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------